MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2012

Numru 469/2007

Il-Pulizija
(Supretendent Carmelo Magri)

vs

Kyle Stone

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 141706L, akkuzat talli:

1. fl-10 ta’ Marzu 2005 fi Triq l-Aqwadott B’Kara kkommetta serq ta’ sett ta’ erba’ ‘speakers’ tal-marka ‘Pioneer’ minn vettura tal-ghamla Honda Civic bin-numru ta’ registrazzjoni FBB 865 ghad-dannu ta’ Michael Borg, liema serq huwa kkwalfikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ l-istess Michael Borg liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorriex il-hames mitt Lira Maltin (Lm500);
3. fl-istess data u cirkostanzi xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Fost it-tlett addebiti li jikkomponu l-meritu tal-proceduri hemm dik tas-serq li tikkostitwixxi l-akkuza principali stante li t-tielet addebitu huwa in alternattiva u t-tieni huwa konsegwenzjali. Dwar l-addebitu tas-serq il-provi huma tali li dan jrrizulta bhala fatt u jikkonsisti filli nsterqu par ‘speakers’ minn gewwa karozza ipparkeggjata b’detriment ta’ sidha u aggravat l-istess serq bil-mezz, valur (taht 2329.37 Ewro) u x-xorta tal-haga misruqa. Il-kollegament tas-serq mal-imputat jikkonsisti f’identifikazzjoni posittiva ta’ zewg impronti tieghu wara komparazzjoni ma’ impronti mehuda u elevati mill-vettura ‘de quo’. Din tirrizulta l-unika prova li l-prosekuzzjoni ipproduciet biex rabtet u sostni r-responsabilita’ tal-imputat mas-serq.

Dwar dawn l-impronti digitali, mir-rapport tal-espert nominat minnha, jirrizulta li minn hdax l-impronta elevata u li fuqhom sar l- ezami komparattiv ma’ l-impronti mehuda ‘seduta stante’ minghand l-imputat, in kwantu ghal tnejn

minnhom harget identifikazzjoni posittiva. Dawn kienu fil-konfront is-saba l-kbir ta’ l-id il-leminija u s-saba l-kbir tal-id ix-xellugija li qablu posittivament mal-impronti elevati minn fuq il-vettura senjatament minn fuq il-bieba tal-passigier fuq barra u minn fuq it-tieqa tal-bieb tal-passigier wkoll fuq barra, rispettivament. Proprju dik il-bieba li kien hemm levar fiha.
Dwar il-prova tal-impronti, li kif gia’ ntqal, hija l-unika prova ghas-skapitu tal-imputat, din hi, fil-fehma tal-Qorti, prova bizzejjed ghall-konvicju. Dan qed jinghad fil-kuntest li ma kien josta xejn li jkunu elevati l-impronti minn fuq il-vettura u s-sussegwenti komparazzjoni taghhom ma’ dawk elevati mill-imputat taht l-iskrutinju tal-Qorti. Is-sottomissjoni maghmula mill-abbli difensur, li dan, jigifieri t-tehid tal-impronti tal-imputat, ma setax isir, mhux qeghdha ssib l-akkoljiment tal-Qorti kif lanqas mhi l-Qorti qeghdha issib xejn irregolari fl-elevar ta’ impronti minn fuq il-vettura fl-assenza ta’ inkjesta magisterjali. Il-ligi rilevanti (Kap 9) anke fiz-zmien li grat is-serqa ma kinitx tipprekludi li dan isir.

Li ghandha tghid din il-Qorti fil-kaz in meritu hu li l-fatt tas-serq gie pruvat u anka li zewg impronti tal-imputat irrizultaw fuq il-vettura misruqa li konsegwentement u fin-nuqqas ta’ imqarr l-icken spjegazzjoni tal-imputat dwar il kif irrizultaw u spiccaw fuq il-vettura l-impronti tiegh hi prova bizzejjed biex tissancixxi l-konvicju tieghu.

Fuq il-fatt li l-Qorti qeghdha issib htija fl-imputat ghas-serqa tirrizulta wkoll pruvata kontra tieghu it-tieni akkuza bhala mezz ghal fini.

Rat l-Artikolu 261(b)(c)(g), 263(a), 264(1), 267, 271(g), 278(2), 279(a), 280(2), 325(b) u 17(h) u 31 tal-Kap 9.

Issibu hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni izda mhux tat-tielet li minnha tilliberah.

Tikkundannah sena prigunerija. Billi hi tal-fehma li l-prigunerija m’ghandhiex tkun effettiva qeghdha tapplika l-Artikolu 28A tal-Kap 9 u tissospendihom ghal erba snin mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor

punibbli bi prigunerija f'dan iz-zmien operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 28H tac-citat Kap u tordna sabiex zmien mhux aktar minn sitt xhur mill-lum ihallas 700 Ewro lid-derubat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------